



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Settembru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0272(COD)

12429/22
ADD 6

CYBER 298
JAI 1181
DATAPROTECT 254
TELECOM 369
MI 665
CSC 388
CSCI 133
CODEC 1310
IA 133

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	SWD(2022) 283 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL- IMPATT dwar l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika Li jakkumpanja d- dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill dwar rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2022) 283 final.

Mehmuż: SWD(2022) 283 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.9.2022
SWD(2022) 283 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

dwar l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u li jemenda
r-Regolament (UE) 2019/1020

{COM(2022) 454 final} - {SEC(2022) 321 final} - {SWD(2022) 282 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv (sa 2 paġni)
Valutazzjoni tal-Impatt dwar l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika (CRA)
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
Il-prodotti tal-hardware u tas-software spiss iġarrbu attakki ċibernetiċi li jirnexxu, u li sal-2021 iġġeneraw kost annwali dinji stmat taċ-ċiberkriminalità ta' EUR 5.5 triljun. Dawn il-prodotti jbatu minn żewġ problemi kbar li jżidu l-kostijiet għall-utenti u għas-soċjetà: (1) livell baxx ta' ċibersigurtà, rifless fid-diversi vulnerabbiltajiet u fil-forniment insuffiċjenti u inkonsistenti ta' aġġornamenti tas-sigurtà li jindirizzawhom, u (2) in-nuqqas ta' għarfien u aċċess biżżejjed għall-informazzjoni mill-utenti, li jżommuhom milli jagħżlu prodotti b'karatteristiċi xierqa taċ-ċibersigurtà jew milli jużawhom b'mod sigur. Iċ-ċibersigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali għandha dimensjoni transfruntiera kbira għax il-prodotti manifatturati f'pajjiż partikolari spiss jintużaw fis-suq intern kollu. Barra minn hekk, inċidenti li inizjalment jaffettwaw entità waħda jew Stat Membru wieħed spiss jinfirxu f'ħakka t'għajn madwar is-suq intern kollu. Filwaqt li l-leġislazzjoni eżistenti tas-suq intern tapplika għal ċerti prodotti b'elementi diġitali, bħalissa ħafna mill-prodotti tal-hardware u tas-software ma huma koperti bl-ebda leġislazzjoni tal-UE li tindirizza ċ-ċibersigurtà tagħhom. B'mod partikolari, il-qafas legali attwali tal-UE ma jindirizzax iċ-ċibersigurtà tas-software mhux inkorporat, anke jekk l-attakki taċ-ċibersigurtà qed isiru mmirati dejjem iżjed lejn il-vulnerabbiltajiet f'dawn il-prodotti, b'mod li jikkawża kostijiet soċjetali u ekonomiċi sinifikanti. Fost l-eżempji riċenti hemm l-ispyware Pegasus li sfrutta xi vulnerabbiltajiet fil-mowbajls, u r-ransomware WannaCry li sfrutta dgħujfija tal-Windows u affettwa lil kompjuters madwar id-dinja kollha.
X'jenħtieġ li jinkiseb?
Ġew identifikati żewġ objettivi ewlenin li għandhom l-għan jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern: (1) jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-iżvilupp ta' prodotti siguri b'elementi diġitali billi jkun żgurat li fis-suq jitqiegħdu prodotti tal-hardware u tas-software b'inqas vulnerabbiltajiet u li l-manifatturi jieħdu s-sigurtà bis-serjetà tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott; u (2) jinħolqu l-kundizzjonijiet biex l-utenti jkunu jistgħu jqisu ċ-ċibersigurtà meta jagħżlu u jużaw prodotti b'elementi diġitali. Ġew stabbiliti erba' objettivi speċifiċi: (i) ikun żgurat li l-manifatturi jtejbu s-sigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali sa mill-fażi tad-disinn u tal-iżvilupp u tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu; (ii) ikun żgurat qafas koerenti taċ-ċibersigurtà li jiffaċilita l-konformità għall-manifatturi tal-hardware u tas-software; (iii) tissaħħaħ it-trasparenza tal-proprjetajiet tas-sigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali, u (iv) in-negozji u l-konsumaturi jkunu jistgħu jużaw il-prodotti b'elementi diġitali b'mod sigur.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
In-natura transfruntiera qawwija taċ-ċibersigurtà u l-inċidenti dejjem jikbru b'effetti konsegwenzjali li ma jafux fruntieri, setturi u prodotti, ifissru li l-objettivi ma jistgħux jintlaħqu b'mod effettiv mill-Istati Membri waħedhom. Minħabba n-natura dinjija tas-swieq tal-prodotti b'elementi diġitali, l-Istati Membri jġarrbu l-istess riskji għall-istess prodott b'elementi diġitali fit-territorju tagħhom. Qafas frammentat emerġenti ta' regoli nazzjonali potenzjalment diverġenti jirriskja wkoll li jxekkel suq uniku miftuħ u kompetittiv tal-prodotti b'elementi diġitali. Għalhekk hija meħtieġa azzjoni konġunta fil-livell tal-UE li żżid il-livell tal-fiduċja fost l-utenti u l-attrazzjoni tal-prodotti b'elementi diġitali mqiegħda fis-suq tal-UE. Din tkun ta' ġid ukoll għas-suq intern għax tipprovdi ċ-ċertezza legali u toħloq ambjent ekwu għall-manifatturi tal-prodotti b'elementi diġitali.

B. Soluzzjonijiet
X'inhuma l-alternattivi differenti biex jintlaħqu l-oġġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?
Ġew analizzati erba' alternattivi ta' politika u xi subalternattivi relatati li jmorru lil hinn mill-<i>istatus quo</i>: (1) approċċ ta' liġijiet mhux vinkolanti u miżuri volontarji; (2) intervent regolatorju <i>ad hoc</i> speċifiku għall-prodott, għaċ-ċibersigurtà tal-prodotti tanġibbli b'elementi diġitali u s-software inkorporat rispettiv; (3) approċċ imħallat, inkluż regoli obbligatorji orizzontali għaċ-ċibersigurtà tal-prodotti tanġibbli b'elementi diġitali u s-software inkorporat rispettiv, u approċċ gradwali għas-software mhux inkorporat, b'żewġ subalternattivi għall-valutazzjoni tal-konformità; u (4) intervent regolatorju orizzontali li jintroduċi rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għal ambitu wiesa' tal-prodotti b'elementi diġitali, inkluż is-software mhux inkorporat, b'subalternattivi dwar l-ambitu, u dwar il-valutazzjoni tal-konformità. Il-Valutazzjoni tal-Impatt ikkonkludiet li l-għażla ppreferuta hija l-Alternattiva 4 li tkopri l-prodotti kollha b'elementi diġitali u li tippredvi valutazzjoni obbligatorja ta' parti terza għall-prodotti kritiċi, abbażi tal-valutazzjoni tal-effettività meta mqabbla mal-oġġettivi speċifiċi, l-effiċjenza tal-kostijiet meta mqabbla mal-benefiċċji, u l-koerenza.
X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema alternattiva u min jappoġġaha?
Meta ntalbu jikklassifikaw l-effettività tal-interventi ta' politika, ir-rispondenti tal-konsultazzjoni pubblika qablu li l-Alternattiva 4 tkun l-aktar miżura effettiva (4.08 fuq skala minn 1 sa 5). Dawn jinkludu organizzazzjonijiet tal-konsumatur (5.00), rispondenti li se jhu lilhom infushom utenti (4.22), korpi notifikati (4.17), awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq (5.00) u manifatturi ta' prodotti b'elementi diġitali (3.85), inkluż dawk żgħar u medji (4.05).
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
L-għażla ppreferuta toħloq benefiċċji sinifikanti għad-diversi partijiet ikkonċernati. Għan-negozji, din tevita li jiġu stabbiliti regoli tas-sigurtà diverġenti għall-prodotti b'elementi diġitali u tnaqqas il-kostijiet tal-konformità għal-leġislazzjoni relatata taċ-ċibersigurtà. Din tnaqqas l-għadd ta' inċidenti ċibernetiċi, il-kostijiet tal-immaniġġjar tal-inċidenti u l-ħsara għar-reputazzjoni. Għall-UE kollha, hu stmat li l-inizjattiva tista' tnaqqas il-kostijiet minn inċidenti li jaffettwaw lin-negozji b'madwar EUR 180 biljun għal EUR 290 biljun fis-sena. Barra minn hekk, l-inizjattiva tikkawża żieda fil-fatturat għax ikompli jiżdied l-użu tal-prodotti b'elementi diġitali. Din ittejjeb ukoll ir-reputazzjoni dinjija tal-kumpaniji u b'hekk tiżdied id-domanda minn barra l-UE. Għall-utenti finali, l-għażla ppreferuta ttejjeb it-trasparenza tal-proprjetajiet tas-sigurtà u tiffaċilita l-użu tal-prodotti b'elementi diġitali. Anke l-konsumaturi u ċ-ċittadini jibbenefikaw minn protezzjoni aħjar tad-drittijiet fundamentali tagħhom, bħall-privatezza u l-protezzjoni tad-<i>data</i>.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
L-għażla ppreferuta żżid il-kostijiet tal-konformità u tal-infurzar għan-negozji, għall-korpi notifikati u għall-awtoritajiet pubbliċi, inkluż għall-awtoritajiet tan-notifika, tal-akkreditazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq. Għall-iżviluppaturi tas-software u l-manifatturi tal-hardware, din se żżid il-kostijiet diretti tal-konformità mar-rekwiżiti l-ġodda taċ-ċibersigurtà, il-valutazzjoni tal-konformità, id-dokumentazzjoni u l-obbligi tar-rapportar, li jiġġeneraw kostijiet tal-konformità aggregati ta' madwar EUR 29 biljun għall-prodotti b'elementi diġitali li għandhom fatturat b'valur tas-suq stmat sa EUR 1 485 biljun. L-utenti finali, inkluż l-utenti finali kummerċjali, il-konsumaturi u ċ-ċittadini jaf ibatu prezzijiet ogħla għall-prodotti

b'elementi diġitali. Iżda dawn jenħtieġ li jitqiesu fil-kuntest tal-benefiċċji sinifikanti kif deskritt hawn fuq. Għall-korpi notifikati, il-kostijiet addizzjonali mistennija jitpaċu b'żieda fil-fatturat.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?
L-SMEs se jintlaqtu mir-rekwiżiti l-ġodda kemm bħala manifatturi u anke bħala utenti finali. Mil-lat ta' kostijiet tal-konformità, l-SMEs fil-prinċipju se jintlaqtu iżjed mill-kumpaniji kbar li tipikament ikollhom ekonomiji ta' skala aħjar u għarfien akbar dwar iċ-ċibersigurtà. Iżda l-SMEs jibbenefikaw ħafna mill-inizjattiva għax iċ-ċibersigurtà inkorporata fil-prodotti b'elementi diġitali tikseb iffrankar għmielu fil-kostijiet għall-SMEs bħala utenti. Bħala manifatturi, l-SMEs jibbenefikaw minn fiduċja akbar fost l-utenti finali u l-klijenti ġodda. L-aċċess bla xkiel għas-suq intern u t-tnaqqis fil-frammentazzjoni tas-suq jaf ikunu ferm aktar ta' benefiċċju għall-SMEs, li huma inqas attrezzati biex jitrattaw rekwiżiti regolatorji differenti. Filwaqt li enfazzzaw il-ħtieġa għal approċċ proporzjonat u miżuri ta' appoġġ, b'mod ġenerali l-SMEs appoġġaw ambjent ekwu għall-kumpaniji kollha u ma dehrilhomx li se jkunu żvantaġġati meta mqabbla mal-kumpaniji akbar f'xenarju ta' rekwiżiti obbligatorji orizzontali.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
L-inizjattiva se tħalli impatt fuq l-awtoritajiet nazzjonali, bħall-awtoritajiet nazzjonali tan-notifika, l-awtoritajiet tal-akkreditazzjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li huma responsabbli għall-monitoraġġ l-infurzar tal-miżuri proposti. Dawn l-awtoritajiet se jerfgħu l-aġġustament addizzjonali (eż. taħriġ u riżorsi umani) u jġarrbu l-kostijiet tal-infurzar li jqs ir-rekwiżiti l-ġodda. Iżda r-riżorsi minfuqa mill-korpi tal-akkreditazzjoni jitpaċu u ħafna minnhom iġarrbuhom il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità permezz tax-xiri tas-servizzi tal-akkreditazzjoni.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
Mhu mistenni l-ebda impatt negattiv sinifikanti ieħor. L-għażla ta' politika ppreferuta tgħin biex jonqsu n-numru u s-severità tal-inċidenti, inkluż il-ksur tad-data personali u tħalli impatti soċjali pożittivi bħat-tnaqqis taċ-ċiberkriminalità. Id-domanda għall-professjonisti tas-sigurtà aktarx tiżdied u l-asimetriji tal-informazzjoni taċ-ċibersigurtà jonqsu.
Proporzjonalità?
L-għażla ppreferuta ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex l-oġettivi speċifiċi jintlaħqu b'mod sodisfaċenti. L-intervent jiżgura li l-prodotti b'elementi diġitali jkunu siguri tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom u b'mod proporzjonat mar-riskji affaċċjati.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Fi żmien [36 xahar] wara d-data tal-applikazzjoni tal-inizjattiva u mbagħad kull erba' snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami tal-inizjattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.